# PRIM’AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgha, 19 ta’ Gunju 2002.**

**Numru 8**

**Citaz. Nru 152/98 DS**

Bezzina Ship Repair Yard Limited

Vs

Petroil Engineering Services Limited.

Illum, 19 ta’ Gunju 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-23 ta' Jannar 1998 li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi fil-1995, is-socjeta' attrici kienet ipprovdiet diversi servizzi u xoghol ghas-socjeta'' konvenuta li kienet ordnat ix-xoghol mis-socjeta attrici;

Illi b'rizultat tal-istess xoghol gew mahruga diversi "invoices";

Illi s-socjeta' konvenuta ma komplietx thallas lis-socjeta' attrici u ghad hemm bilanc dovut lis-socjeta' attrici li jammonta ghal elf, mitejn u wiehed u hamsin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm1251.20);

Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas il-bilanc dovut permezz ta' ittra ufficjali datata 29 ta' Ottubru 1997 u dana xorta baqa' inadempjenti;

Illi s-socjeta' konvenuta permezz ta' ittra datata 14 ta' Marzu 1997 ikkonfermaw li huma ghandhom jghatu lis-socjeta' attrici l-ammont fuq indikat;C

talbet li din il-Qorti:-

1. tiddikjara li s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mitejn u wiehed u hamsin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm1251.20) liema somma tirrapresenta bilanc dovut imma mhux imhallas;

2. tordna lill-istess socjeta' konvenuta thallas l-istess somma ta' elf, mitejn u wiehed u hamsin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm1251.20) lis-socjeta' attrici;

B'riserva ta' kull azzjoni ohra u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Ottubru 1997 u l-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma dina l-kawza, u bl-imghaxijiet sad-data tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li r-rappresentanti legali taghha jinsabu minn issa mharka ghas-subizzjoni.

Rat li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata baqghet kontumaci;

Rat in-nota pprezentata u moqrija fis-seduta tallum stess li permezz taghha s-socjeta' attrici cediet is-sorte izda zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez;

Semghet ix-xhieda ta' Dr. Clarence Busuttil, Segretarju tas-socjeta' attrici;

Billi jirrizulta li s-sorte thallas fil-mori tal-kawza, l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati wkoll mis-socjeta' konvenuta.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attrici stante cessjoni tas-sorte, tikkundanna lis-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' l-ispejjez kif mitlub fic-citazzjoni.

**ONOR. IMHALLEF**

**DR. DAVID SCICLUNA** **D/REGISTRATUR**